# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Lulju 2020

**Rikors Numru : 412/2019 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**JA**

**Vs**

**RP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JA datat 5 ta' Settembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument A'*

*Illi l-partijiet ilhom separati sa mill-erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bħala Dokument B fl-atti tan-Nutar dottor Francesca Portelli;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżewwġin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili , Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar it-tnax (12 ) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgħa ( 2007);*

*Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Rat illi fir-rikors guramentat tieghu, JA sostna li ilu separat legalment minn ma' martu RP mis-sena 2013 u dan permezz ta' kuntratt tal- 4 ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013). Huwa sostna wkoll illi manteniment dovut bejniethom ma hemmx, u li ma twieldux tfal minn dan iz-zwieġ. Finalment iddikjara illi ma hemm ebda prospett li l-kontendenti jirrikonċiljaw.

**Ikkonsidrat:**

Illi RP xehdet (fol 23) illi hija iżżewwġet lill JA fit-12 ta' Mejju 2007 u li minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal. Iz-zwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni. Illi mid-data ta' separazzjoni 'l hawn, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u lanqas hemm tama li din ir-rikonċiljazzjoni tista sseħħ. Xehdet illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Illi JA xehed ( fol 24) u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet RP.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it- 12 ta' Mejju 2007 (Vide certifikat ta zwieg Dok A fol 5) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli, datat 4 ta' Dicembru 2013 (vide Dok. B fol 7 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx arretrati tal-manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**